# PATRI FERDINANDU DIOTALLEVI O.F.M.

## LI KIEN KUSTODJU TA' L-ART IMQADDSA

Fl-14 ta' Jannar ta' din is-sena jagħlaq seba' snin mejjet wieħed mill-aqwa Kustodi tal-Art Imqaddsa li kien hawn fi żmienna. Dan kien ir-Rev.mu Patri Ferdinandu Diotallevi, l-ewwel Kustodju ta' wara l-Gwerra l-Kbira tal-1914-1918. Mill-enerġija u l-qlubija tiegħu, l-Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu ħadu t-tefgħa l-kbira 'l quddiem, li għadhom mexjin biha s'issa fit-titjib ta' kull xorta f'kull xogħol li għandhom x'jaqsmu miegħu huma. U dan m'hux fil-Palestina biss, imma wkoll fis-Surija u l-Eġittu; f'Libnân u Ċipru. Għal hekk dehrilna li tkun ħaġa xierqa li niktbu f'dan il-Qari kelmtejn fuq ħajtu u x-xogħol tiegħu.

Patri Diotallevi twieled fit-2 ta' Settembru tas-sena 1869 f'Montemarciano, fin-naħa tal-Italja li jgħidulha Le Marche. Żagħżugħ ħafna libes iċ-ċoqqa ta' san Franġisk fil-Provinċja ta' dak il-pajjiż, u malli temm l-istudji u qaddes, mill-ewwel tagħa ruħu għax-xogħol b'għaqal kbir u dehwa kbira. L-aktar li kien iħobb ix-xogħol li kellu x'jaqsam mal-Missjonijiet. Meta kien għad għandu biss 24 sena, kien diġà Lettur tal-Filosofija u t-Teoloġija u predikatur tajjeb. U fuq dan ix-xogħol ħa wkoll f'idejħ il-ħidma ta' Kumissarju tal-Art Imqaddsa.

Hekk, billi ngħarfet il-ħila tiegħu, wara erba' snin, kien magħżul mill-Patri Ġenerali tal-Ordni b'Superjur tal-Missjoni ta' Kostantinopli, u fis-sena 1914 raġa' kien magħżul bħala Provinċjal ta' pajjiżu, Le Marche, u hemm dehru l-ħerqa u l-għerf tiegħu fix-xogħol tal-qasam t'Alla. Għax kien iż-żmien qalil tal-Ewwel Gwerra Kbira, u l-Kunventi ta' dik l-art kienu għoddhom tbattlu mir-Rhieb, għax kull min ma kienx xiħ wisq, sewwa Patri kemm ajk, kien miġbur suldat u mibgħut għal gwerra; il-Provinċjal Diotallevi dejjem sab xi mezz biex jimla l-bâtal, u ma jħallix lil poplu nieqes mill-qadi tal-ħteġiet tar-ruħ, fejn kellhom x'jaqsmu l-Franġiskani, dik in-naħa.

F'Novembru tas-sena 1917, meta kemm-kemm laħaq għalaq iż-żmien tiegħu ta' Provinċjal, is-Superjuri tal-Ordni Franġiskan, bil-permess tas-Santa Sede, ħatruh Kustodju tal-Art Imqaddsa, u Patri Diotallevi telaq lejn il-Palestina fl-ewwel xhur tas-sena 1918, meta l-Ingliżi kienu għadhom kif keċċew l-armati Torok mill-Belt Imqaddsa.

Ix-xogħol tal-Kustodju l-ġdid fl-Art Imqaddsa, pajjiż ta' ħafna Reliġjonijiet, imgħammar b'nies imħallta, ftit jew wisq, tal-Asja, l-Afrika u l-Ewropa, kien tqil minnu n-nifsu, imma kien sar itqal ħtija tal-qagħda mwegħra li fiha kienet tinsab il-Kustodja dak iż-żmien wara l-gwerra ħarxa li kienet għadha kemm għaddiet minn fuqha. Għadd kbir mill-Franġiskani ta' hemm kienu għadhom maqtugħin minn sħabhom jew imxerrdin. Għadd ta' Kunventi li żmien il-gwerra kienu meħuda mis-suldati Torok u Ġermaniżi, kull ma kien hemm fihom kien imħarbat jew misruq. U hekk ukoll dawk id-djar li l-Franġiskani kellhom għal Pellegrini, li jgħidulhom *Casa Nova*. Il-Kustodja nfisha maqsuma, għax kienet ilha tlet snin mingħajr Kustodju, u l-Patri President, li kien jagħmilha ta' Superjur ma kienx

imħolli li jżur jew jikteb lir-Rhieb li kienu fl-Eġittu, fl-Armenja u fis-Surija, u anqas lil dawk li kienu fil-Palestina nfisha, fin-naħa li jgħidulha l-Galilija. Biex jgħixu ħażin-ħażin il-Franġiskani kellhom jissellfu l-flus, għax fi żmien il-gwerra ebda għajnuna ma setgħet tasal mill-pajjiżi tal-Ewropa, u hekk il-Kustodja kellha ħafna dejn. Kienet qagħda li kellha tas-subjien u tal-bniet, u raġa' daħħal lit-tfal iltiema li kienu nbagħtu lejn djar qrabathom għal biża' tas-suldati Torok. Mar iżur il-Kunventi l-bgħida, tal-Galilija l-ewwel, imbagħad tas-Surija u l-Armenja u l-Eġittu, u ħa ħsiebhom u qeda ħteġiethom, mill-aħjar li sata' jkun. U meta kollox kien raġa' beda miexi sewwa, bis-saħħa tal-ħila tiegħu



*Ir-Rev.mu P. Ferdinand Diotallevi O.F.M. Kustodju tal-Art Imqaddsa, mad-Diskretorju.* Mix-xellug għal-lemin, fuq: P. Sabino Marotta (Taljan), P. Justo Castelu (Spanjol), P. Hermes Kahout (Awstrijak), u P. John Forest (Ingliż). Isfel: P. Prosper Viaud (Franċiż), Ir-Rev.mu Kustodju Diotallevi, u P. Gabino Montoro (Spanjol).

tbażża' saħansitra lil wieħed li kellu qalb ta' ljun, imma Patri Diotallevi xej ma tħawwad; radd salib għal wiċċu u tagħa ruħu għax-xogħol.

Ħaseb l-ewwel li jarġa' jarma d-djar għaż-żawwara, li wara s-snin tal-gwerra kellhom jerġgħu jibdew ġejjin lejn il-Palestina bl-eluf. Għammar mill-ġdid iż-żewġ Orfanatrofji, qabad żewġ xogħlijiet kbar: il-bini tal-Bażilka tal-Agonija, fil-Ġetsemni, u tal-Bażilka l-oħra, tat-Trasfigurazzjoni, fuq it-Tabor. Żewġ Bażilki, li huma miraklu tal-ġenju u tas-sengħa, u fuq kollox miraklu tat-twemmin tal-Patri Diotallevi fil-għajnuna t'Alla. Dawn iż-żewġ Bażilki huma biż-żejjed biex tibqa' ħajja għal mijiet ta' snin it-tifkira

ta' Patri Diotallevi. U wara dawn, waqqaf l-Istitut Bibliku, li għadu wieqaf u miexi tajjeb wisq, u jħabbatha mal-aqwa skejjel għal ħarsien tal-għelm u għal ġiħ tal-Knisja Kattolika. Kabbar ukoll il-kulleġġ ta' Emmaws, u ħeġġeġ lil Patrijiet kumissarji biex isibu u jibgħatu tfal subjien li jridu jsiru Patrijit fit-Terra Santa, hekk li fi żmien qasir il-Kulleġġ tgħammar. Beda joħroġ ir-Rivista: "La Terra Santa", bi tliet lingwi, Taljan Franċiż u Spanjol (u issa qegħda toħroġ ukoll bil-Għarbi), u żied l-istazzjon tad-Duluri fuq il-Kalvarju fil-Proċessjoni ta' kull filgħaxija.

Dawn huma kollha monumenti lil Kustodju Patri Ferdinando Diotallevi O.F.M., li jdumu jfakkru ismu iktar milli kienu statwi tal-bronż u tar-rħam. Monumenti li twaqqfu bissaħħa tiegħu ma' tul is-sitt snin li dam Kustodju tal-Art Imqaddsa.

Wara dan, Patri Diotallevi raġa' telaq lejn pajjiżu l-Italja, fejn ingħatawlu f'idejh, mis-Superjuri tal-Ordni, xogħlijiet kbar u riedu jagħmluh Isqof, u hu ma riedx. Fis-sena 1930 raġa' lejn il-Provinċja tiegħu, Le Marche, fejn l-aħħar xogħol tiegħu kienu l-bini ta' Kunvent u knisja kbar. U baqa' hemm sa xjieħ u miet fil-Belt ta' Ancona, ta' 89 sena, meqjum u mfaħħar minn kull ħadd għall umilta' tiegħu, li bosta drabi rrofta li jsir Isqof, u għax-xogħlijiet sbieħ u kbar u ta' siwi, li għamel ma' tul il-qagħda tiegħu fid-dinja.

WIEĦED LI JAFU

---

# IŻ-ŻAR

X'inhu ż-"Żar"? Iż-Żar huwa egħmil, donnu xi sħarijiet; huwa bħal skonġrar, bħal tkeċċija tal-erwieħ ħżiena li l-Fellaħîn (jiġifieri nnies tar-rħula) tal-Eġittu, jemmnu biħ u jagħmluħ biex ifejjqu xi mard. Meta xi ħadd ikollu xi marda fil-ġisem jew fil-moħħ, li l-Fellaħîn ma jkunux jafu x'inhi, jibdew jaħsbu li l-marid ikollu fiħ xi ruħ ħażina, għal hekk rawmu bħal ritwâl, li biħ, minn għaliehom, ikeċċu dik ir-ruħ ħażina li jkun hemm fil-marid. Dan huwa ż-Żar!

* * *

Ir-raħal kollu kien jaf li kien qiegħed jitħejja ż-Żar, għax id-daqq tal-otbla u r-riħa qawwija tal-lubien li kienu ġejjin mid-dar ta' tarf it-triq, urew ċar x'sejjer isir. Għal hekk dawk in-nies kollha li kienu jaħsbu li huma maħkuma minn xi ruħ ħażina, marru hemm, hekk li meta ġiebu l-marid iċ-ċkejken, li minn kemm il-ġimgħa kien jidher li sejjer 'l ura, id-dar kienet laħqet inmtliet b'xi żewġ tużżani nisa, fosthom in-nisa daqqâqa. Ilkoll kienu bil-qegħda, jew kokka, fuq il-ħsajjar, ma' tul il-ħitan, waqt li l-qassisa ta' dan il-kult, jiġifieri l-*qâdja*, kienet wieqfa fin-nofs ma' ġenb kenun, li minnu kien ħiereġ id-duħħan tal-bhur.

Ħin minnhom, din il-qassisa qabdet il-marid iż-żgħir u refgħetu fuq il-kenun, waqt li bdiet tgħid kliem li ma jiftiehemx. Imbagħad, għall-għarrieda, waqt li l-otbla qawwew id-daqq ikraħ tagħhom, qalbitu wiċċu 'l isfel fuq id-duħħan tal-lubien, u qabbditu jieħu n-nifs minnu. It-tifel beda jitkagħwex, għax ħass ruħu li kien sa jinħanaq.

In-nisa li kienu hemm, bid-daqq tal-otbla, bid-duħħan tal-bhur, u bit-twerżiq tal-marid iċ-ċkejken, tahom bħal ferħ ta' ġenn; bdew jaqbżu u jgħollu jdejhom u jgħajjtu; baqgħu